MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 379/2001/1

**Waterproof-it Co Ltd**

**vs**

**Donald Brincat u b'digriet tat-8 ta' Frar 2006 giet kjamata in kawza s-socjeta` J.C.R. Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` Watreproof-it Co Ltd datata 7 ta' Marzu 2001 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi l-attur hadem xoghol ta' tikhil u dekorazzjoni fil-fond tal-konvenut li jinsab gewwa Paradiso' 2, Triq Salvu Bonanno, San Gwann ossia Paradiso' 158, Triq Santa Margerita, San Gwann u dan fuq l-istess struzzjonijiet tal-konvenut.

Illi tlestew ix-xoghlijiet fil-fond tal-konvenut u l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallas.

Illi l-ahhar pagament da parte tal-konvenut kien April tas-sena 2000 u minn dik il-gurnata sallum ma sarx pagament iehor.

Illi baqa' bilanc ta' elfejn disa' mija u sebghin Lira Maltin (Lm2,970) rapprezentanti xoghol ta' tikhil u dekorazzjoni li sar mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara l-konvenut irresponsabbli ghall-hlas tal-bilanc ta' elfejn disa' mija u sebghin Lira Maltin (Lm2,970) rapprezenanti xoghol ta' tikhil u dekorazzjoni li sar mill-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn disa' mija u sebghin Liri Maltin (Lm2,970) rapprezentanti xoghol ta' tikhil u dekorazzjoni li sar mill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru u tal-ittri interpellatorji li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tat-2 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 6 ta' April 2011 a fol 8 tal-process fejn espona:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lill-attur billi x-xoghol esegwit mill-attur nomine tant sar hazin u ikkawza danni lill-esponenti li, jekk kien ghad hemm xi ammont dovut fuq l-appall moghti,

dawn ghandhom immorru biex ikopru d-danni kawzati lill-esponenti li ghalihom qed issir il-kontro talba presenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 8 tal-process.

Rat il-**kontro talba tal-konvenut** a fol 9 tal-process fejn espona: -

Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni attrici u jiccita lilli-socjeta` attrici in via rikonvenzjoni li bil-mod li gej:-

Billi lis-socjeta` attrici, li kienet inkaggjata mill-konvenut rinkonvenzjonant sabiex tesegwixxi xoghol fil-proprjeta` tal-esponenti, tant esegwiet ix-xoghol hazin u difettuz u tant gew kawzati danni fil-proprjeta` tal-esponenti fil-kors tal-eskeuzzjoni ta’ dan l-appalt li gahlihom hija responsabbli is-socjeta` attrici li l-esponenti kellu, fost affarijiet ohra, ibiddel parti sostanzjali mill-paviment tal-istess proprjeta` tieghu apparti li sejjer ikollu ukoll iqabbad lill-haddiehor sabiex jikkomleta l-istess appalt u jkompli jirranga l-hsarat li ikkawzat is-socjeta` attrici.

Billi s-socjeta` attrici mitluba biex tasal ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni u invitata tersaq ghal arbitragg irrifjutat kull approcc u ghalhekk ma kienx hemm alternattiva ghajr li jirrispondi ghat-talba attrici bil-mod presenti.

Tghid ghalhekk s-socjeta` attrici rikonvenzjonata ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex: -

1. Tiddikjara illi l-appalt esegwit mis-socjeta` attrici ma sarx skont ma titlob is-sengha u l-arti, huwa difettuz, u inoltre li ikkawzat danni fil-proprjeta` tal-konvenut rikonvenzjonant li ghalihom hija unikament responsabbli.

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-konvenut, okkorrendo *per opera* ta’ periti nominandi, u

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut l-istess danni li jigu hekk likwidati – kollox skont kif intqal fuq ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra is-socjeta` attrici inlkuzi dawk ta’ zewg ittri legali u tal-mandat ta’ sekwestru presentat kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta` attrici li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-konvenut fil-kontro talba a fol 9 u 10 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Waterproof-it ghall-kontro talba ta’ Donald Brincat datata 19 ta’ April 2001 a fol 12 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontra-talba huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt peress illi l-attur wettaq ix-xoghol skont is-sengha u l-arti tant li kien kuntent bix-xoghol qabel ma tlesta.

2. Illi r-raguni li l-attur allegatament irrifjuta l-arbitragg huwa meta l-perit tal-arbitragg ammetta li ma jifhimx fuq il-“graffiato” u parti sostanzjali tal-“claim” kien fuq il-graffiato u ghalhekk ma setax ikompli bl-inkarigu moghti lilu.

3. Illi hija ghal kollox infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt l-allegazzjoni li l-konvenut ghandu xi danni u dan kif jista’ ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u l-unika raguni li ma riedx ihallas kien li peress li l-attur hallieh jistenna ftit sakemm lesta ix-xoghlijiet kien ser ihallsu bit-terturi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti kien lest illi jsewwi l-allegati hsarat li mumhiex accettati minnu imma sabiex izomm il-klijent kuntent l-attur kien lest li jaghmilhom liema xoghlijiet il-konvenut ma accettax li l-attur jaghmilhom.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-attur Waterproof-it ghall-kontra talba ta’ Donald Brincat a fol 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R Micallef fit- 2 ta' Mejju 2011 fejn il-kawza giet differita ghall-10 ta' Ottubru 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Ottubru 2001 quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn Dr. Joseph Schembri talab li jigi nominat Perit Tekniku dwar il-kontro-talba. Il-Qorti nnominat lill-Perit Valerio Schembri a spejjez provizorjament tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat l-affidavit ta' Mark Debono datat l-1 ta' Novembru 2001 (fol. 24).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita ghall-24 ta' Jannar 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2003 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Nives Grixti biex tisma' il-provi li kien ghad fadal f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors datat 21 ta' Marzu 2005 fejn il-konvenut talab li jig konstatat li kien qed jaqa' l-graffiato mill-Perit Tekniku, u wara li rat ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 12 ta' April 2005, b'digriet datat 19 ta' April 2005 (fol. 41) il-Qorti laqghet it-talba. Fil-fatt mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2005 jidher li sar dan l-access mill-Perit Tekniku (fol. 42).

Rat ir-rikors ta' Waterproof-it Co Ltd datat 2 ta' Frar 2006 a fol 45 tal-process fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti li tigi kjamata fil-kawza s-socjeta` J.C.R. Limited ghar-ragunijiet validi; u l-Qorti kif hekk presjeduta, rat in-nuqqas ta' opposizzjoni minn Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenut, u laqghet it-talba u ordnat l-kjamat in kawza tas-socjeta` J.C.R. Limited a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` J.C.R. Limited datata 17 ta' Marzu 2006 a fol. 49 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi *in liena* preliminari, is-socjeta' eccipjenti hija totalment estraneja ghall-appalt li fuqu hija msejsa c-citazzjoni, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

2. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors tal-perijodu ta' sentejn kif stabbilit mill-**artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili**.

3. Illi fil-mertu, l-uniku konnessjoni li s-socjeta' eccipjenti jista' jkollha ma' dina l-vertenza hija li bieghet il-materjal, jew parti mil-materjal, li gie utilizzat ghax-xoghlijiet imsemmija fic-citazzjoni. Dana l-materjal ma kien fih l-ebda difett jew mankanza, u dana apparti l-fatt li jekk bil-kjamata fil-kawza s-socjeta' attrici Waterproof-It Company Limited minghalija li qieghda timmodifika l-azzjoni taghha ghal wahda naxxenti mill-garanziji tal-bejgh, tali azzjoni hija perenta *ai termini* tal-**artikolu 1431 tal-Kapitolu 16**. Fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' eccipjenti tinsisti li dina l-kawza hija limitata biss ghall-premessi u talbiet imsemijja fic-citazzjoni attrici.

4. Illi jinghad ukoll illi l-materjal mibjugh mis-socjeta' eccipjenti jigi dejjem akkompanjat b'*instructions* bil-miktub dwar kif dana ghandu jigi applikat, u jidher li fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet dawna ma gewx segwiti, bil-konsegwenza li x-xoghlijiet ma gew ezegwiti skont is-sengha u l-arti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` J.C.R. Limited a fol 50 tal-process.

Rat li din il-Qorti kif presjeduta hadet konjizzjoni tal-kawza fis-16 ta' Frar 2006 u fis-seduta mizmuma fis-27 ta' April 2006 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku Valerio Schembri sabiex jesplita l-inkarigu tieghu u nnominat mieghu bhala Perit Legali lil Dr Mark Chetcuti a spejjez provizorjament attrici sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu

konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza u l-kawza giet differita sabiex jigi prezentat ir-rapport ghad-29 ta’ Novembru 2006 (fol. 52).

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Novembru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Paul Farrugia ghas-socjeta` kjamata fil-kawza u peress li jirrizulta r-rapport kien ghadu ma thallasx, il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikorsi tal-konvenut Donald Brincat datat 23 ta’ Jannar 2009 a fol 83 u tal-1 ta’ Gunju 2009 fol. 90 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza biex tkompli tinstema’ u tigi deciza u digrieti ta’ din il-Qorti nkluz dak tas-17 ta’ Settembru 2009 u dak tad-9 ta’ Frar 2010 (fol. 93)

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 13 ta’ Jannar 2010 (fol. 100), u n-nota tal-istess konvenut datata 5 ta’ Ottubru 2009 fejn sostna li hallas lill-periti gudizzjarji; u l-Qorti rriappuntat l-kawza ghas-smigh ghall-20 ta’ April 2010 skond digriet datat 2 ta’ Marzu 2010 (fol. 102) wara li kkonstat li l-perit tekniku thallas id-dritt lilhu intaxxat ta’ 3,410.24 Euro mentri l-perit legali thallas id-dritt lilhu intaxxat ta’ 475.38 Euro u wkoll tat id-direttevi dwar dak li kellhu jsir fil-kawza nkluz id-domandi li intalbu li jsiru in eskussjoni.

Rat in-nota tal-attrici datata 6 ta’ April 2010 a fol 112 tal-process li biha pprezenta d-domandi lill-Perit Tekniku Valerio Schembri.

Rat in-nota tal-perit Valerio Schembri datata 20 ta’ April 2010 li biha pprezenta r-risposti ghad-domandi tas-socjeta` attrici.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Mark Chetcuti pprezentat fir-registru fit-22 ta’ Frar 2008 u mahluf fil-11 ta’ Mejju 2010, l-istess rapport jinsab esebit a fol 119 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri pprezentat fit-2 ta’ Ottubru 2007 u mahluf fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2010 (fol 129).

Rat in-nota tal-Perit Valerio Schmebri datata 24 ta' Marzu 2011 a fol 380 tal-process li biha rrisponda ghad-domandi in eskussjoni tal-konvenut hekk kif ordnat u dirett mill-Qorti.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 16 ta' Novembru 2010 fejn talbet li jitqabbad espert fuq il-graffiato, ir-risposta tal-konvenut datata 9 ta' Dicembru 2010 u d-digriet datat 25 ta' Jannar 2011 (fol. 368) fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 16 ta' Novembru 2010 sabiex jigu pprezentati zewg rapporti ex parte u sabiex il-Perit Tekniku jirrispondi ghat-tielet mistoqsija u d-digriet ta' din il-Qorti datat 19 ta' April 2011 fejn cahdet it-talba ghaliex il-provi kienu maghluqa u l-Perit Tekniku kien gja rrisponda ghall-istess.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 28 ta' Marzu 2011 fejn talab li jressaq provi dwar il-kwistjoni tal-graffiato (fol. 395) u l-Qorti cahdet it-talba b'digriet datat 19 ta' April 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2011 fejn Dr. Martin Fenech ghas-socjeta' attrici talba li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ghall-kontro-talba tal-konvenut abbazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** limitatament ghax-xoghol tal-graffiato u Dr. Tonio Azzopardi ghall- konvenut irrimetta ruhu u l-Qorti laqghet it-talba (fol. 407).

Illi rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' attrici datata 3 ta' Gunju 2011 fejn ecceppixxa l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16.**

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Robert Buttigieg ghall-kjamat in kawza, Dr. Martin Fenech ghall-attur, u Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenut. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti tat tletin (30) gurnata zmien lill-attur ghal tali nota bil-*visto*/notifika tad-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghan-nota

responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' Waterproof-it Co Ltd datata 24 ta' Novembru 2011 a fol 410 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm2,970 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' tikhil u dekorazzjoni fil-fond Paradiso, 2, Triq Salvu Bonanno, San Gwann, ossia Paradiso, 2, Triq Santa Margherita, San Gwann. Il-konvenut sostna li l-x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u pprezenta kontro-talba ghad-danni kontra s-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici naturalment tghid li x-xoghol sar sew. Is-socjeta' kjamata fil-kawza tghid li l-azzjoni kif prezentata kontra taghha ma treggix ghaliex kull ma ghamlet kienet biss li bieghet il-materjal, u tali azzjoni kif ittentata hija preskritta a bazi tal-**artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16** u kieku kienet azzjoni ta' bejgh skond l-**artikolu 1431 tal-Kap. 16.** Fuq kollox sostniet li l-materjal minnha fornit kien tajjeb u jekk kien hemm xi difett, dan kien dovut ghall-mod kif thallat il-prodott mis-socjeta' attrici.

Illi mir-relazzjoni peritali jirrizulta li kien hemm difett fix-xoghol kif esegwit mis-socjeta' attrici u hawn issir riferenza ghall-paragrafi 1 sa 5 f'pagna 27 u 28 tar-relazzjoni peritali (fol. 154 u 155) u f'paragrafu 01 pagna 35 tal-istess rapport (fol. 162) u dan kien rizultat tal-*mano d'opera* ta' kif sar l-istess xoghol u ma kien hemm ebda

diffetti fil-materjal supplit. Dan ix-xoghol hazin kien rizultat ta’ nuqqas ta’ *bonding* bejn il-kisjiet li tat is-socjeta’ attrici u l-faccata u l-Perit Tekniku qabel ma dak li inghad mill-Perit Joe Sapienza u Carmel Attard prodotti mill-konvenut u l-kjamati fil-kawza rispettivament. Barra minn dan, kien hemm ukoll xoghol hazin fit-tkahhil tat-trinek f’uhud mill-ambjenti nterni fil-fond tal-konvenut kif jirrizulta minn paragrafu 11 f’pagna 30 tar-relazzjoni (fol. 157) u paragrafu 05 tal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku nominat (pagna 36 – fol. 163). Kien ukoll difetti fil-*glass blocks* fil-*partition* tal-ambjenti interni dovut ghal nuqqas ta’ hila fix-xoghol skond kif konstatat f’paragrafu 07 u 08 tar-relazzjoni u xoghol iehor esegwit hazin skond kif jirrizulta minn paragrafi 09 sa 12 tar-relazzjoni peritali (fol. 164 u 165).

Illi ghalhekk mill-provi u mir-relazzjoni teknika jirrizulta car li x-xoghol esegwit mis-socjeta’ attrici ma kienx skond is-sengha u l-arti u din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz ma hemm l-ebda raguni ghaliex hija ma ghandhiex toqghod fuq il-konstatazzjoni teknika li tghid b’mod mill-aktar kategoriku li kien ix-xoghol li sar hazin, u l-materjal provdut mis-socjeta’ kjamata fil-kawza kien tajjeb. Mela allura jirrizulta li s-socjeta’ attrici bhala appaltatrici ma pprestatx ix-xoghol skond kif titlob is-sengha u l-arti  u almenu skond il-kapacita’ ordinarja (**“Perit Arkitett Civili Frank Giordmaina Medici nomine vs Pio Camilleri”** P.A. (TM) – 30 ta’ Ottubru 2003).

Illi hija gurisprudenza konstanati li meta l-appaltatur jezegwixxi xoghol hazin huwa responsabbli ghad-danni (**“Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et nomine”** – A.K. – 27 ta’ Marzu 1972) u huwa mmaterjali jekk kienx hemm approvazzjoni tax-xoghol (**Vol. XXV.ii. 727)** jew jekk huwa mexiex skond id-direzzjonijiet moghtija mill-kommittent, u dan ghaliex l-appaltatur ghandu l-obbligu li jirrezisti l-ordnijiet li jkunu ta’ pregudizzju ghas-solidita’ u kontra r-regola tas-sengha u l-arti **(Vol. XXV.ii. 727).** Fil-fatt l-appaltatur huwa obbligat u huwa dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamel kif ried il-

kommittent billi l-appaltatur hu obbligat jirresisti ghal kwalsiasi intromissjoni tal-kommittent **(Vol. XLII.ii.1003).**

Illi kif gja inghad, jirrizulta li d-difetti fix-xoghol huma ta' natura sostanzjali u allura ma hemmx dubju, li anke kif ikkonstata l-bravu Perit Legali (fuq l-konkluzjonijiet teknici raggunti mill-espert tekniku) li t-talba attrici fic-cirkostanzi ma tistax treggi u ghalhekk f'dan il-kaz qed tigi michuda proprju ghaliex ix-xoghol huwa sostanzjalment u in gran parti hazin u allura hija ma ghandhiex tithallas ghax-xoghol hazin esegwit minnha u l-ammont bilancjali rikjest minnha ma ghandux jigi allura mhallas **("Christopher Meli vs Emanuel Galea"** – A.I.C. (PS) – 23 ta' Gunju 2004) u **"Mallia proprio et nomine vs Magri"** – A. C. – 13 ta' Ottubru 1989).

Illi dwar l-azzjoni ta' danni ma hemmx dubju li dawn id-danni ghandhom ikunu f'misura ragonata u sensibbli u mhux in vacuo u dawn ghandhom ikunu konsegwenza diretta tal-inadampiment u mhux sempliciment ma' fatturi astratti jew irrejali **("Pierre Darmanin vs Moira Agius et"** – A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2004. F'dan il-kaz l-ammont li ghandu jigi kkonsidrat bhala danni huwa dak li huwa intiz sabiex jigu ratifikati l-hsarat u x-xoghol hazin, u llum ma huwiex il-kaz li tigi kkonsidrata s-sottomissjonijiet attrici li hija lesta tirranga ghall-hsarar tenut kont tat-trapass taz-zmien u wkoll in-natura sostanzjali tax-xoghol hazin (**"Victor Tabone vs Felix Mifsud"** – P.A. – 5 ta' Ottubru 1994) u jirrizulta li tali danni jammontaw ghas-somma ta' ghaxar t'elef, erba' mija u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (€10,430.93) ekwivalenti ghall-Lm4,478, kif ikkonstatat mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu.

Illi dwar is-socjeta' kjamata fil-kawza, jirrizulta li l-kontro-talba tal-konvenut ma tistax tigi diretta lejha ghaliex hija ma ghamlet l-ebda xoghol ta' appalt u ghalhekk qed tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni taghha u qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk ma hemmx bzonn li l-Qorti tidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnha. Fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda prova li l-materjal fornit minnha ma kienx tajjeb.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** la darba s-socjeta' attrici qed tghid li x-xoghol sar f'April 1999 (nota datata 10 ta' Ottubru 2011) u l-graffiato beda jaqa' fis-sena 2006 u l-kontro-talba giet prezentata fis-6 ta' April 2001, allura certament li ma hemmx id-dekors ta' hames snin skond l-istess artikolu. Ghalhekk din l-eccezzjoni abbazi tal-preskrizzjoni skond l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** qed tigi michuda ghaliex ma hijiex sostenibbli u nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, dwar l-azzjoni attrici **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lis-socjeta' kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u **tichad it-talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha tat-talba attrici kontra s-socjeta' attrici.

Illi ghall-istess motivi, din il-Qorti, dwar il-kontro-talba tal-konvenut datata 6 ta' April 2001, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lis-socjeta' kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' attrici ghall-istess kontro-talba, nkluz li tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** sollevata mill-istess socjeta' attrici fl-eccezzjonijiet taghha ulterjuri, u dan ghaliex tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa' t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-appalt esegwit mis-socjeta` attrici ma sarx skont ma titlob is-sengha u l-arti, huwa difettuz, u inoltre li ikkawzat danni fil-proprjeta` tal-konvenut rikonvenzjonant li ghalihom hija unikament responsabbli.

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-konvenut fl-ammont ta' ghaxar t'elef, erba' mija u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (€10,430.93).

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut l-ammont ta’ ghaxar t’elef, erba’ mija u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (€10,430.93) kollox skont kif intqal fuq u hawn deciz.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba wkoll, inkluzi taz-zewg ittri legali u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat mal-kontro-talba, kontra s-socjeta’ attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------